MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru. 633/2008

PULIZIJA
SPETTUR FABIAN FLERI
VS
OMMISSIS X

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Ommissis X, ta’ 47 sena, iben Ommisis V u Ommissis W imwielda Ommissis W, imwieled Pieta’ nhar Ommissis T, residenti Ommissis R u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru Ommissis I

U billi huwa akkuzat talli f’ Ommissis R u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, fid-19 ta’ Lulju 2008 u fil-gimghat ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) B’eghmil zieni kkorrompa lil Ommissis A, minuri ta’ Ommisis E il- sena li hija t-tifla tieghu u bhala membru domestiku;
2) Ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-istess minuri Ommissis A;

In oltre’ l-Qorti hija mitluba illi minn issa tapplika l-provedimenti tal-Ligi ai terminu ta’ l-Artikolu 412C et sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta’ protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi ta’ membru domestiku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tat-19 ta’ Dicembru 2008 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l- ammissjoni ta’ l- imputat

Semghet il- konferma ta’ l- ammissjoni ta’ l-imputat wara li l- Qorti akkordat zmien ragenevoli ghar- ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ Ommissis Y (l- Omm) jirrizulta illi miz-zwieg ma’ l-imputat, Ommissis Y ( l- Omm)kellha tlett (3) ulied fosthom il-minuri Ommissis A ta’ tlettax (13)-il sena. Ommissis Y ( l- Omm) xehedet (a fol.126 et seq.) illi kien binha z-zghir li kien l-ewwel li gibdilha l-attenzjoni taghha li zewgha, l-imputat, kien qieghed jilghab fuq il-*computer* mat-tifla u kif jigi t-tifel iz-zghir, l-imputat tefghu ‘l barra mill-kamra. Dan it-tifel mar jghid lil ommu xi sitt darbiet izda f’okkazzjoni wahda, ghamel certi mossi biex ifiehem lil ommu u xxukkjaha. Illi minn hemm, Ommissis Y ( l-

Omm) kellmet it-tifel il-kbir biex joqghod attent ghal ohtu. Ommissis Y ( l- Omm) xehedet illi hija kienet tahdem, li zewgha kien ilu qieghed dawn l-ahhar sitt (6) snin u fid-dar il-gdida taghha ma kelliex bibien interni izda biss purtieri. Illi wara dan, anke t-tifel il-kbir gibed l-attenzjoni tal-omm. Allura Ommissis Y ( l- Omm) kellmet lil bintha biex tohdilha minn rasha x'kien qed jigri u wara diversi tentattivi da parti tal-omm, fl-ahhar qaltilha li missierha l-imputat kien xebbahha jittantaha:

*"Sa tefali l-flus u qalli biex immur norqod mieghu."*

Min hemm Ommissis Y ( l- Omm) marret ghand il-Pulizija.

Ommissis A (fol.132 et. seq.) ta' tlettax (13) -il sena xehedet illi fil-vaganzi tas-Sajf wara li l-minuri ghalqet tlettax (13) -il sena, missierha kien beda jsegwiha kull fejn tmur fid-dar, "*joqghod jigri warajja.*" Ommissis A xehedet li hija kienet tipprova tibqa' ma' hutha tilghab. Xehedet illi missierha, l-imputat, kien jidhol fil-kamra tas-sodda taghha u *"Joqghod imissli sidri."* (fol.134) minn fuq hwejjigha.

Din grat diversi drabi tant illi l-minuri Ommissis A qalet li kienet tigri "*ta' kuljum"* (fol. 134)

Mistoqsija mill-Qorti jekk kienetx tigri aktar minn darba kuljum, il-minuri rrispondiet li kienet issehh xi hames darbiet kuljum (fol. 135). Il-minuri ta tlettax (13) –il sena xehedet illi meta missierha kien ibaghbasha, hija kienet taghmel hilitha biex twarrab minn hdejh.

Il-minuri xehedet illi huha z-zghir kien l-ewwel li nduna u mbaghad skopra wkoll x'kien qed jigri huwa l-kbir. Kienet kellmitha ommha u fl-ahhar qaltilha b'kollox. (fol. 135)

Il-minuri ammettiet b'certu riluttanza illi darba minnhom missierha kien neza x-shorts u l-qalziet ta' taht u espona l-parti genitali tieghu quddiemha. Il-minuri xehedet li dana gara dan, hija kienet f'kamritha u hija telqet 'il barra (fol. 136)

Il-minuri kkonfermat illi fid-dar residenzjali l-gdida taghhom, kien ghad ma hemmx bibien interni, lanqas ghal kamra tal-banju li kienet mghammra biss b'purtiera. Ommissis A xehedet illi darba waqt li kienet qed tiehu shower f'cubicle bi sliding door, missierha dahal fil-kamra tal-banju u beda jipprova jiftah l-isliding doors waqt li l-minuri bdiet tipprova zzomm il-bibien milli jinfethu.

Ommissis A xehedet illi missierha kien qalilha li jaghtiha l-flus, tletin (30) Euro jekk torqod mieghu (fol. 138). Darba minnhom, addirittura taha ghoxrin (20) Euro. (fol. 140)

Ommissis A xehedet li missierha kien iwiddibha li jekk tghid lil ommha b'dak li kien qed jigri, joqtolha u waqt li f'okkazzjoni ohra qalilha li jispicca l-habs. (fol. 139)

Ommissis A in kontro ezami xehedet illi hija kienet ghadha qatt ma harget ma guvni u tohrog biss ma tfajliet. Ommissis A ikkonfermat illi missierha u ommha ta spiss ikollhom xi jghidu u anke jigu fl-idejn.

Ommissis B ta sitt (6) snin, iben l-imputat ikkonferma li nnota lil missieru "*joqghod jigri warajjha*. *Joqghod jidhol maghha fil-kamra tal-banju. Imbaghad jitla' maghha fuq is-sufan."* (fol. 131)
Ommissis C ta' erbatax (14) –il sena, iben l-imputat, a fol 156 et sequitur ikkonferma li kien ra lil missieru fil-kamra tal-banju meta kien hemm ohtu Ommissis A fiha. Il-missier kien vicin hafna ta' bintu li kienet b'rasha baxxuta. Huwa ttawwal minn wara l-purtiera ghaliex sema' certu cekcik fil-kamra tal-banju. Wara ra lil missieru hiereg inkiss inkiss fuq il-ponot ta' subajgh.

PS 329 Ruben Saliba pprezenta kopja tar-rapport ta' l-omm Ommissis Y ( l- Omm) u kkonferma l-kontenut. Zied jghid illi t-tifla, li kienet prezenti, deheret imwerwra u qaltlu li missierha kien iqum bil-lejl, jimxi hafi biex ma jinstemax. (fol. 192)

WPC 15 Caroline Camilleri xehedet li kienet prezenti waqt l-istqarrija tat-tifla u li din qalet li missierha kien qed imiss sidirha minn fuq il-hwejjeg u mbaghad beda anke jdahhal

idejh minn taht u jmissha minn fuq il-bra, li offrielha l-flus: 5 Euro, 20 Euro u 30 Euro u li kien dahal fil-kamra tal-banju waqt li kienet fix-shower.

Ikkunsidrat:

L-imputat irregistra ammissjoni piena ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu u cioe' r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni ta tlettax (13) –il sena bl-aggravju tal-axxendent u r-reat ta' attentat vjolenti ghal pudur.

Rat l-Artikolu 203 tal-Kap. 9 ta' Ligijiet ta' Malta:

*(1) Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-eta, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:*

*Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*

*(a) Jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax –il sena, inkella bi vjolenza;*

*(b) Jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;*

*(c) Jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutar tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.*

*(2) Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 197(4) tghodd ukoll ghad-delitt imsemmi f'dan l-artikolu, meta d-delitt isir minn axxendent jew tutur.*

*(3) Ghad-delitt taht dan l-artikolu ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza:*

*Izda, jekk id-delitt ma jkunx akkumpanjat minn wahda mic-cirkostanzi ta' fatt jew ta' persuna msemmijin fis-subartikolu (1)(a), (b) u (c), il-kwerela ma tkunx izjed ammissibbli wara sena minn dak in-nhar li jkun sar il-fatt jew li tkun saret taf bih il-persuna li jkollha jedd taghmel il-kwerela minflokk il-parti offiza:*

*Izda, wkoll, jitmexxa ex officio –*

*(a) fil-kazijiet imsemmijin fil-proviso ta' l-artikolu 544;*

*(b) meta l-eghmil isir b'abbuz tas-setgha ta' genitur jew ta' tutur.*
Illi fil-mori tal-kawza Ommissis Y ( l- Omm) hafret lil zewgha.

Illi fil-kaz in ezami fejn hemm l-aggravju tal-axxendent li cioe' fejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni jigi inflitt fuq minuri mill-missier jew minn nannu tal-istess minuri. Il-proceduri kriminali ma jistghux jigu rtirati.

Il-mens legis huwa carissimu fl-Artikolu 203 (3) proviso (b) fil-kaz ta' missier li jabbuza mis-setgha tieghu bhala missier fejn allura l-ligi tipprovdi illi l-proceduri jitmexxew ex officio. Ir-rinunzja f'dan il-kaz bl-ebda mod ma trazzan il-prodecuri kriminali izda ghandha titqies bhala mitiganti meta l-gudikant jasal biex jakkorda l-piena.

In-natura tal-atti di libidini f'dan il-kaz jikkonsistu mhux biss fil-mess, imma tal-enkoraggiment ghall-korruzzjoni permess ta' ghotja ta flus, fl-esponar tal-parti genitali lejn il-minuri, dhul tal-missier fuq bintu f'kamra tal-banju b'attentat li jidhol fix-shower maghha u sensiela ta' agir fejn il-missier isegwi kull pass ta bintu f'kull opportunita' li kellu sabiex jesegwixxi l-hsibijiet zienja tieghu fuq bintu u dan ghal zmien konsiderevoli.

Il-gurispurdenza u l-ligi ta' Malta tesigi il- konkors ta' elementi ta' att di libidini u korruzzjoni effettiva tal-minuri bhala kostitwenti tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni.

In fatti, fis-Sentenza Il-Pulizija vs Thomas Wiffen, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar 1996:
*'For the completed offence and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (atto di libidine) and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which, either by their very nature or of the circumstances in which they are performed, either are directed to the indulgence of the sexual appetite, either of the agent or of the victim, and are capable of arousing sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question.'*

It-tul ta' zmien illi fih l-atti jitwettqu huwa mmaterjali ghal nozzjoni ta' atti di libidini (ibid f'pagna 150 Volum LXXX 1996 parti 4):

*'For the subsistence of the crime, it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime if the remembrance of such acts is calculated to cause a defilement.* ***Indeed, according to out Law, if the victim is under twelve years of age, that is, a reason for aggravating the crime.'*** *(noti minn Criminal Law ta' Sir Anthony Mamo f'pagna 226).*

Din il-Qorti hi tal-fehma illi l-atti di libidini fuq indikat kellhom effett ta' korruzzjoni fuq Ommissis A u temmen illi kellhom l-istess effett nocenti wkoll fuq huha Ommissis Bu Ommissis Cli f'okkazjonijiet segwew l-ghemil zieni ta' missierhom mill-qrib. Il-Qorti pero' tifhem illi l-imputat ma giex mixli b'dawn u mhix ser tiehu dana kollu in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

Illi ghal dawn il-mottivi, il-Qorti ssib lill-imputat hati skont l-akkuza, bit-tieni akkuza assorbita ghall-fini ta' piena fl-ewwel akkuza u wara li rat Artikolu 17, 18, 203, 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat ghal erbgha (4) snin prigunerija li minnhom jrid jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat qatta' f'arrest preventiv.

Di piu ai termini tal-Artikoli 203 (2) Kap 9, il- Qorti qeda tinforza l- Artikolu 197 (4) tal- Kap 9 u tordna it- telfa ta kull awtorita' emanenti mis- setgha tal- missier skond il-ligi u ta' kull jedd moghti lil imputat fuq il- minuri Ommissis A jew il- beni taghha u tordna l- interdizzjoni perpetwa ta' l- imputat mill qatt jigi nominat fil- kariga ta' tutur.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni bikrija, ir-rinunzja u l-mahfra da parti ta' martu u l-gravita tar-reati li bihom kien mixli l-imputat biex waslet ghal piena propiza f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------